

**Brussell, 29 ta' Novembru 2019
(OR. en)**

14340/19

**SOC 760
EMPL 574**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Il-futur tal-acquis soċjali tal-UE b'rabta mar-relazzjonijiet industrijali u tal-impjiegi - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota ta' gwida mħejjija mill-Presidenza, maħsuba biex tiffaċilita d-diskussjoni fil-Kunsill EPSCO fl-10 ta' Diċembru 2019.

IL-FUTUR TAX-XOGĦOL U TAL-ACQUIS SOĊJALI B'RABTA MAR- RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TAL-IMPJIEGI

Attwalment qed inkunu xhieda ta' bidliet rapidi fis-swieq tax-xogħol u fir-relazzjonijiet industrijali kkawżati, fost affarijiet oħra, mit-tibdil fil-klima, il-globalizzazzjoni, il-migrazzjoni u t-teknoloġji ġodda. Dalwaqt ser jibda l-perijodu leġislattiv il-ġdid fl-UE u l-Kummissjoni l-ġdida dalwaqt ser tassumi l-funzjonijiet tagħha. Għalhekk, hija f'waqtha diskussjoni li tħares 'il quddiem dwar il-ħtiġijiet possibbli biex jiġi żviluppat l-acquis soċjali relatat mal-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali. Filwaqt li nżommu f'moħħna l-bidliet fil-ħajja tax-xogħol, irridu nidentifikaw ħtiġijiet possibbli biex naġġornaw l-acquis eżistenti u kwalunkwe lakuna leġislattiva li fadal. Huwa wkoll essenzjali li tittiejeb l-implimentazzjoni tal-acquis.

L-Artikolu 153 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jippermetti lill-UE tistabbilixxi standards minimi, fost l-oħrajn, għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjara drittijiet soċjali minimi, li wħud minnhom huma diġà parti mill-acquis, filwaqt li oħrajn iridu jiġu implimentati b'mod konġunt mill-UE u mill-Istati Membri tagħha. Il-Pilastru Soċjali jgħin biex jiġi identifikat fejn jeħtieġ li jittieħdu azzjonijiet sabiex jissaħħu d-drittijiet soċjali fundamentali.

Dan l-aħħar l-UE ħadet passi 'l quddiem fl-armonizzazzjoni minima prevista skont it-Trattati permezz tal-adozzjoni, pereżempju, tad-Direttiva dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli. Minkejja dan it-titjib, jeħtieġ li jiġi żgurat li qalb il-bidliet rapidi ħadd ma jitħalla lura u li l-qafas leġislattiv ikompli jservi lill-ħaddiema u lill-intrapriżi b'mod ibbilanċjat.

Id-diġitalizzazzjoni, inkluż l-użu dejjem akbar tal-intelliġenza artifiċjali, hija mutur importanti għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda. Hija toħloq ukoll possibiltajiet ġodda għal modi flessibbli ta' ħidma fir-rigward tal-post tax-xogħol, inkluż f'sitwazzjonijiet b'dimensjoni transkonfinali.

Madankollu, f'xi każijiet, id-diġitalizzazzjoni għamlitha aktar diffiċli biex jiġi żgurat li l-ħaddiema kollha, inkluż dawk fl-ekonomija tal-pjattaformi, jibbenefikaw minn kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin. Hemm ukoll ir-riskju li jiġu pprovduti servizzi minn persuni li taparsi jaħdmu għal rashom. Meta l-iżviluppi teknoloġiċi u diġitali, inkluż l-IA, jittrasformaw id-dinja tax-xogħol, jeħtieġ li l-acquis soċjali jiġi żviluppat sabiex jitħarsu d-drittijiet soċjali.

Il-President elett tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen, identifikat il-pagi minimi u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-ħaddiema fl-ekonomija tal-pjattaformi bħala oqsma li jeħtieġu aktar attenzjoni. Fil-kuntest tal-pagi minimi, hija tenfasizza l-valur tad-djalogu soċjali bejn min iħaddem u t-trade unions – il-persuni li jafu s-settur u r-reġjun tagħhom l-aħjar. Id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv huma għodod importanti biex jintlaħaq qbil dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-iffissar tal-pagi. Id-dritt tal-ħaddiema tal-pjattaforma li jinnegozjaw b'mod kollettiv huwa kwistjoni li qed tiżdied fl-importanza.

Minbarra kopertura adegwata mill-acquis soċjali fil-qasam tal-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali, huwa importanti li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tiegħu. L-infurzar jiddependi b'mod partikolari minn riżorsi suffiċjenti u l-livell għoli ta' kompetenza ta' dawk responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni. Mod kif tista' tittejjeb l-implimentazzjoni huwa l-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajbin fost l-Istati Membri u f'fora internazzjonali bħall-ILO.

Il-mobilità tal-forza tax-xogħol fl-UE u minn pajjiżi terzi qed tiżdied. Biex tħares il-ħaddiema mobbli u toffrilhom trattament ugwali fis-suq tax-xogħol, il-leġislazzjoni trid tkun aġġornata. Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi rilevanti tista' ttejjeb l-istandards tax-xogħol u l-implimentazzjoni tagħhom, inkluż dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-katini tal-provvista. L-organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż l-ILO u l-OECD, ukoll jistgħu jkunu sorsi tajba ta' eżempji u tal-aħjar prattiki.

Id-djalogu soċjali għandu rwol importanti biex jgħin kemm lill-intrapriżi kif ukoll lill-impjegati tagħhom biex jadattaw ruħhom għas-suq tax-xogħol li qed jinbidel u għalhekk huwa fattur ta' suċċess fl-implimentazzjoni tal-acquis soċjali. Jeħtieġ li jiġu indirizzati l-problemi relatati, identifikati mill-Kummissjoni, fil-qasam tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-haddiema¹ u tal-Kumitati tax-Xogħol Ewropew².

F'dan l-isfond, il-Ministri huma mistiedna jiffokaw fuq il-mistoqsijiet li ġejjin fil-kontributi tagħhom:

1. *Flimkien mal-inizjattivi ppjanati mill-Kummissjoni l-ġdida, kif għandu jiġi żviluppat fil-futur l-acquis soċjali relatat mal-impjegi u r-relazzjonijiet industrijali?*
2. *X'inhuma l-isfidi ewlenin fl-implimentazzjoni tal-acquis soċjali u kif jista' jittejjeb l-infurzar tiegħu?*

¹ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, "Kontroll tal-Idoneità" dwar id-dritt tal-UE fil-qasam tal-Infurmazzjoni u l-Konsultazzjoni tal-Ħaddiema; 26.7.2013, SWD(2013) 293 final.

² Rapport dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva 2009/38/KE dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (tfassil mill-ġdid); 14.5.2018, COM(2018) 292 final.